MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 353/2010

Appell Numru: 353/2010 & 358/2010

Il-Pulizija
Vs
Joseph Mary Borg

Illum 14 ta’ Marzu, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat/appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 307350 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

talli f’dawn il-Gzejjer bejn l-4 ta’ Lulju 2005 u is-7 ta’ Dicembru 2006 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga li jsir uzu minnha u cioe’ ha u zamm ghandu elfejn tmin mija u tlieta

u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2823.80), ghad-dannu ta' Joseph Curmi mill-Belt Valletta;
Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Gunju 2007 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ha u zamm ghandu elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) ghad-dannu tas-socjeta BMIT Limited.
U aktar talli b'hekk ikkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza taghha ta' nhar it-18 ta' Jannar 2005, liema sentenza saret definttiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar il-21 t'a Lulju, 2010 fejn l-ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 293, 294, 28F, u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal perijodu ta' ghaxar xhur (10) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Mary Borg minnu pprezentat fit-2 ta'Awwissu, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata billi tiddikjara lill-esponent mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena ; u subordinatament, u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, l-esponent talab li fil-kaz ta' konferma ta' htija 'in toto' jew 'in parte' din l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tieghu piena ehfef u akta adatttata.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali minnu pprezentat fl-4 ta'Awwissu, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi :

a. tikkonferma fejn sabet lill-imputat appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu ;

b. tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti relattiva ghall-piena fejn ikkundannat lill-imputat biss ghal ghaxar xhur prigunerija u
c. minflok ghar-ragunijiet premess, tinfliggi l-piena idoneja kontra l-imputat appellat skond il-ligi ghar-reati kollha u l-adebitu tar-ricediva li nstab hati dwarhom.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Mary Borg, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-esponent ma kellhux jinstab hati ta' appropjazzjoni ndebita ghax f'dan il-kaz ma kienx hem id-'dolo rikjest bi profit ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus ta' Joseph Curmi u tas-socjeta` BMIT Limited. L-esponent ma kkonvertiex volontarjament ossia dawwar il-flus bl-iskop li jghamel profit minn dik il-konversjoni u ghalhekk f'dan il-kaz jonqos l-element formali tar-reat li jikkonsisti fil-*'volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita` e del fine di lucro'* (Maino. L., 'Commento al Codice Penale Italiano', UTET (Milano)). L-appellant dejjem kellu l-intenzjoni li jirrestitwixxi l-flus. Huwa kien vittma tac-cirkostanzi u dahal fhiex daahhlu fiha John Ellul Sullivan li mbroljah soma sostanzjali ta' flus. Tant kemm l-appellant kellu l-intenzjoni li jirrestitwixxi l-flus li sa minn qabel ma nbdew dawn il-proceduri huwa hallas parti sostenzjali illi Joseph Curmi billi ghaddielu somma ta' Lm500 direttament fil-kont tieghu ghall-bilanc dovut minnu mad-Dipartiment tat-Taxxa tal-Valur Mizjud. U 'pendente lita' l-appellant hallas id-differenza kollha li kien ghad baqghalu ma' Joseph Curmi u ghamel arragnament mas-socjeta` BMIT Limited biex jissalda l-ammont lilha dovut. Din l-intenzjoni li jirrestitwixxi l-flus tinnewtralizza l-iskop ta' qliegh jew profit bi pregudizzju tal-vittmi (Ara Giovanni Giurati, 'Trattato di Delitti Penali', Vol.X1, Delitti Contro La Propieta`, Casa Editrici Doo. Francesco Vallardi (Milano), 1913, pp. 375-376). L-esponent, li dejjem ghex bil-paga u bil-pensjoni, ma hallasx kollox f'daqq lil Joseph Curmi u

lis-socjeta` BMIT Limited sa minn qabel inbdew dawn il-proceduri kien dovut ukoll ghal fatt illi Joseph Terribile li l-appellant ghen biex tohrog mill-problemi finanzjarji li kellu fosthom mal-Korporazzjoni Enemalta li kienu ser jaqtawlu d-dawl minghajr l-ebda preavviz iehro ma rrestitwilux il-flus li kien silfu.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-appellant ma kellux jinstab hait tac-cirkostanzi aggrabanti ta' Approppjazzjoni ndebita msemmija fl-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali. L-esponent huwa rtirat u kien jaqdi lil Joseph Curmi u lis-socjeta` BMIT Limited biex jiffrankalhom quejiet biex ihallsu ammonti dovuti minnhom lil xi dipartimenti governattivi u entitajiet ohra. Ma rrizultax illi l-appellant kellu l-amministrazzjoni tan-negozju ta' Joseph Curmi jew tas-socjeta` BMIT Limited u b'dawk ic-certi qadjiet li l-appellant kien jaghmilhom ma jfissirx illi b'daqsekk kellu l-amministrazzjoni tan-negozji ta' l-allegati vittmi, u wisq anqas ma rrizulta illi l-flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba xi professjoni, industija, kummerc, kariga jew servizz, jew minhabba depozitu necessarju. Jrid jinghad ukoll illi l-approprjazzjoni bla jedd that l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali tehtieg 'ad validitatem' il-kwerela tal-partijiet lezi kollha, kif jistipula l-istess artikolu 293 tal-Kap 9.

3. Illi wkoll bla pregudizzju ghall-permess l-esponent jilmenta mill-piena mposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti u jidhirlu li l-piena karcerarja ta' (10) xhur kienet wisq eccessiva meta tqis:-

i. Kienet l-ewwel Qorti stess li stqarret li tinsab rinfaccjata b'diversi fatturi favur l-appellant.

ii. L-appellant huwa vittma tac-cirkustanzi u, kif fuq inghad, huwa gie fhiex gie ghax kien gie mbroljat minn John Ellul Sullivan, persuna ben maghrufa illum fid-dinja ta' l-imbrolji. Kienet l-Ewwel Onorabbli Qorti stess li esklamant illi l-esponent 'jinsab f'cirklu vizzjuz fejn sabiex ihallas lil persuna wahda huwa jiehu l-flus indebitament minn ghand persuna ohra u b'hekk johrog minn problema sabiex jidhol f'ohra!'.

iii. L-appellant dejjem kellu l-intenzjoni li jirrestitwixxi l-flus ta' Joseph Curmi u tas-socjeta` BMIT Limited lil Joseph Crumi huwa rrestitwielu parti sostanzjali sa min qabel inbdew il-proceduri kriminali kontrih, u kompla jhallas 'pendente lite' sakemm illu issalda kollox; u lahaq arrangement mas-socjeta` BMIT Limited u qed ihallas il-bilanc dovut.
iv. Illi huwa kkopera mal-Pulizija u qal li kelu jghid minghajr tlaqliq u bl-akbar onesta` anki bil-gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.
v. Illi fl-eventwalita li dina l-Onorabbli Qorti tilqa` t-tieni aggravju tieghu l-minimum tal-piena huwa ta' tlett (3) xhur prigunerija (artikolu 293 tal-Kodici Kriminali) a paragon mal-minimum ta' 7 xhur priguerija stabbiliti fic-cirkostanzi aggravanti (Artikoli 294 tal-Kap 9).

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet minhabba fix-xorta jew kwantita` taghha differenti minn dik preskritta bil-Ligi ghar-reat li dwaru l-persuna misjuba hatja tkun giet sentenzjata, kif ukoll peress li hija piena mtaffija wisq tentut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz ukoll fid-dawl tal-plurirecidivita tal-istess imputat.

Fl-umli fehma tal-esponent f'dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati (Malta) applikat piena li kienet tmur taht il-minimum preskritt mill-Ligi. L-espoennt jifhem li dik il-Qorti kellha diskrezzjoni li tapplika d-dispozizzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali f'dan il-kaz ; pero` jtenni wkoll li f'dan l-ezercizzju, dik il-Qorti waslet ghall-piena inflitta minnha (li fil-fehma tal-esponent keinet miti wisq) anke minhabba l-fatt li wzat kejl divers minn dak previst mill-Ligi.

Jidher illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) applikat l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali bhala l-bazi tal-kejl tal-piena inflitta mhinnha. L-esponent qed jassumi dan minhabba l-fatt li fis-sentenza taghha dik il-Qorti indikat l-artikoli 293 u 294 bhala dawk li in bazi taghhom sabet il-htija. Skond l-aritkolu 294, il-piena li setghet tkun applikabbli f'dan il-kaz,

kellha tkun dik minn seba` xhur sa sentejn prigunerija. S’hemmhekk il-piena inflitta tkun tidher li hija fil-paramentri statutorji. Izda fl-umli fehma tal-esponent, sabiex tiddetermina l-minimum tal-piena applikabbli, dik il-Qorti kellha minflok tapplika l-kejl imsemmi fl-artikolu 310(1)(a) kwantu ghal dak li jirrigwarda l-quantum tal-piena applikabbli. Ghalkemm huwa minu li l-artikolu specifiku li johloq ir-reati jippreskrivi piena ad hoc ghal dak ir-reat, xorta jibqa` l-fatt li l-istess ligi, fl-artikolu 310, tipprovdi ghal skajjel ta’ piena differenti ghar-reati kollha li jaqghu taht is-subtitolu III intestat ‘Fuq il-Frodi’, liema pieni huma skalati skond il-gravita tad-dannu kagunati lill-vittmi. F’dan il-kaz, l-ammont tal-hsara kommessa mill-imputat appellat kienet pruvata li tizboq l-Lm1000 fiz-zmien tar-reati fiz-zewg kazijiet kontestati lilu. Fil-fehma tal-esponent, il-piena minima li kienet applikabbli f’dan il-kaz kellha tkun dik stabbilita minn dan l-artikolu 310 tal-Kodici Kriminali u cioe` il-piena ta’ prigunerija bejn tlettax il-xahar u seba` snin prigunerija u mhux dik stabbilita bl-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali.

Minbarra dan jidher ukoll li l-Qorti tal-Magistrati ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li f’ dan il-kaz kien japplika wkoll l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, in kwantu l-azzjonijiet kriminali kommessi mill-imputat appellat gew kommessi minnu b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda – finalizzata biex jakkwista l-flus minghand il-klijenti tieghu u jdawwarhom ghal-qliegh personali tieghu.

L-esponent jifhem li l-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu hija diskrezzjonali fuq il-Qorti tal-Magistrati. Pero` f’dan il-kaz partikolari, fl-umli fehma tal-espoenet, kien hemm ampjament lok li dan l-artikolu jigi applikat b’rigorozita`. Ghalkemm l-ammonti indebitament approprijati ma kienux ammonti kbar hafna, xorta jibqa` l-fatt li l-hsara lill-bittmi saret bis-shih, u l-fiducja risposta fl-imputat appellat mill-vittmi tar-reat teighu kienet giet miskura ripetutatment u sfaccatament. F’dan il-kaz, il-‘professjonist’ (li per definizzjoni huwa dak li inti tafda l-affarjiet l-aktar inti u personali ghandu) kien dak li minbarra kien qed jittradixxi

l-fiducja tal-klijenti tieghu kien qieghed jiggwadanja a skapitu taghhom. Bid-dovut rigward, dan huwa agir li jird jigi severament imrazzan ghal altrimenti c-cittadin onest u inermi jispicca dejjem aktar isir vittma ta' nies li taht il-vesti ufficjali taghhom jiddepradawh inkonsapevolment minn flusu b'dannu serju mhux biss ghall-vittmi infushom, izda wkoll ghar-reputazjoni generali tal-kategorija professjonali rispettiva. In definittiva l-messagg lis-socjeta ghand, u kellu jkun car : 'profesjonisti' li jittradixxu l-fiducja riposta fihom m'hawnx lokhom f'dan il-pajjiz u min jaghzel li ghar-reghba tieghu jaqbad din it-triq, ghandu jkun, b'gustizzja, punit adegwatament ghall-hsara li jkun ikkommetta.

Issa huwa minnu li f'dan il-kaz jidher li l-imputat appellat kien beda jipprova jirrimedja ghall-hsara li kien ikkommetta – biss fl-umli fehma tal-esponent, tali manuvra kienet aktar wahda tattika intiza biex tavvantaggja b'xi mod il-pozizzjoni legali tieghu, aktar milli b'sens ta' indiema – fis-sens wiesa tal-kelma.

Bid-dovut rispett dan qed jinghad ukoll anke fid-daw tal-antecedenti tal-istess imputat appellat. Jirrizulta wkoll li l-Qorti tal-Magistrati apprezzat il-fatt li l-imputat appellat huwa wkoll recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali (u fil-fehma tal-esponent ukol tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali). Dan jidher mill-fedina penali tieghu ezebita fl-atti. Biss jidher li l-imputat appellat kien ilu midhla ta dawn ir-reati ta' frodi – appropriazzjoni indebita b'mod partikolari zgur sa mill-1991. Matul dawn is-snin kollha, minkejja li din il-persuna kellha kull cans li tirrifletti sewwa sew fuq eghmilha, anke wara li kienet giet misjuba hatja mill-Qrati ghal darbtejn shah (fis-27 ta' Frar, 1991 u fid-19 ta' Jannar, 2005) xorta baqghet ma nidmitx u anzi kompliet bil-kommissjoni tar-reati de quo – minkejja l-hniena li dawn il-Qrati wrew maghha f' dawn iz-zewg sentenzi. Bid-dovut rispett l-imputat appellat ma tghallimx il-lezzjoni moghtija lulu ghal darba darbtejn u ma apprezzax il-grazzja koncessa lilu mill-Qrati.

Dan qed jinghad ukoll ghaliex minbarra l-ordni tahat l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 moghtija lilu ghal perjodu ta' tliet snin (fis-27 ta' Frar, 1991), ir-reati de quo bdew jigu

kommessi anqas minn sitt xhur wara l-ghoti tas-sentenza ta’ tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal erba snin imsemmija fis-sentenza ta’ tmintax il-xahar prigunerija sospiza ghal erba` snin imsemmija fis-sentenza tad-19 ta’ Jannar 2005 ! Bid-dovut rispett, la l-grazzja murija lilu ma gietx rispettata minnu, hemm lok li issa l-gustizzja tiehu l-kors taghha bis-serjeta` tal-imputat appellat.

Inoltre, fl-umli fehma tal-esponent, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma appliaktx kif jixraq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 28 tal-Kodici Kriminali. Bid-dovut rispett, f’dan il-kaz, il-Qorti kellha quddiemha persuna li kkommettiet ir-reat do quo fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza, u ghalhekk is-sentenza sospiza kellha tigi dikjarata li bdiet issehh ai termini tal-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali.

Apparti dan, il-Qorti tal-Magistrati citat ragunijiet li ghaliha dehru li kienu specjali u straordinarji li jiggustifikaw li tinzel taht il-minimum preskritt mil-Ligi ai termini tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Fl-umli fehma tal-esponent, l-eta` avvanzata tal-imputat appellat u l-fatt li l-imputat appellat hallas lil Jospeh Curmi tal-hsara li ghamillu setghu ikunu konsiderazzjonijiet ordinarji li kull Qorti tista` tiehu fil-kors tal-qies tas-sentenza li ghandha tkun inflitta minnha. Izda dan ma jirrendix dawn il-kriterji bhala ragunijiet oggettivament specjali u straordinarji f’dan il-kaz. Azmi, in-natura tar-reati infushom, maghqudha mal-eta tal-imputat appellat jirrenduhom aktar gravi, ghaliex kommessi minn persuna matura, ta’ certa esperjenza u li kif inghad aktar il-fuq abbuza mid-dipendenza tal-klijenti tieghu fuqu. Inoltre, pagament maghmul lura lil vittma (kemm jekk bi skop ta’ ndiema genwina u wisq anqas jekk bi skop tattiku) ma jistax jitqies oggettivament bhala xi raguni specjali u straordinarja li minhabba fiha l-hati jkun jisthoqqlu piena li tmur taht il-minimum preskritt mil-Ligi. Anzi.. Il-pagament lura tal-flus approprijati indebitament huwa l-minimu li hati jista` jaghmel f’cirkostanzi bhal dawn biex b’xi mod itaffi l-weggha u t-trawma li l-vittma jghaddu minnha f’kazijiet bhal dawn. In definittiva, bid-dovut rispett, l-esponent ma jistax jaqbel mal-Qorti tal-Magistrati li f’dan il-kaz, kien hemm ragunijiet specjali u straordinarji li kienu jimmeritaw lil dik l-ONorabbli Qorti li tinzel taht il-minimum

preskritt mill-ligi ; u fi kwalunkwe kaz, il-kriterji li fuqhom imxiet dik il-Qorti zgur li ma humiex tali ragunijiet fi kwalunkwe kaz.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Joseph Maria Borg huwa ex impjegat tac-Civil, irtirat, u jiehu hsieb il-kotba tan-negozju ta' diversi persuni, fosthom Joseph Curmi mill-Belt Valletta, kif ukoll is-socjetà BMIT Limited. Irrizulta illi bejn l-erbgha (4) ta' Lulju tal-elfejn u hamsa (2005) u s-sebgha (7) ta' Dicembru tal-elfejn u sitta (2006) Joseph Curmi kkonsenja ammont ta' flus fl-ammot ta' elfejn, tmien mija tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,823.80) lill-appellant sabiex ihallas xi pendenzi illi kellu mad-Dipartiment tal-VAT. Izda l-appellant m'ghamel xejn minn dan u dawwar il-flus fi profitti ghalih. L-istess ghamel fir-rigward tal-flejjes mghoddija lilu minn Emanuel Bonnici f'isem is-socjetà BMIT Limited fejn flejjes li suppost kellhom jigu mhallsa lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali spiccaw biex gew indebitament approprijati mill-appellant billi dawwar l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) ghalih personali u ghamel uzu divers minnhom minn dak illi ghalihom kienu fdati ghandu.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant indika b'mod car x'uzu ghamel minn dawn il-flejjes, li ma kienx uzu ta' dak iddestinat ghalihom minn sidhom.

L-appellant, però, jargumenta illi huwa vittma ta' frodi meta flus illi kien sellef lil terzi ma gewx imrodda lura u b'hekk sab ruhu f'diffikultajiet finanzjarji. Tajjeb jew hazin huwa radd lura l-ammonti illi kellu jhallas lil Joseph Curmi u fil-mori ta' din il-kawza wasal f'arrangament mas-socjetà BMIT Limited sabiex jirrifondi ratealment l-ammont illi huwa ha minghandhom. Dana ssuggerixxa lill-appellant illi jinvoka favur tieghu l-artikolu 337(1) tal-Kap. 9, fejn il-piena stabbilita titnaqqas bi grad jew b'zewg gradi kemm-il darba l-hati qabel ma tibda titmexxi xi proceduri kriminali kontra tieghu jrodd ghal kollox il-hsara kagunata bir-reat.

Argumenta ukoll illi ma setghetx tigi applikata fil-konfront tieghu r-recediva skont l-artikolu 50 tal-Kap. 9. Dan il ghaliex bejn is-sentenzi tal-elf disa' mija wiehed u disghin (1991) u tal-elfejn u hamsa (2005) hemm aktar minn hames (5) snin.

L-appellant irrefera ukoll ghax-xhieda moghtija minn Emanuel Bonnici f'isem BMIT Limited, fejn qal illi kienu juzaw lill-appellant bhala messaggier u qadi ghall-bzonnijiet illi kellha s-socjetà fil-Belt. Però l-appellant jghid illi huwa kien jahdem ta' bookkeeper fost xi affarijiet ohra li kienu jqabbduh s-socjetà.

Fl-ahharnett argumenta illi filwaqt illi rrikonoxxa illi huwa kiser il-ligi, il-piena imposta fil-konfront tieghu kienet iebsa wisq u l-ewwel Qorti imissaha uriet aktar hniena mieghu.

Mhux l-istess argumenta l-Avukat Generali illi fir-rikors tal-appell tieghu ilmenta illi l-ewwel Qorti erogat piena anqas minn dak stabbilita mil-ligi, ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt illi dan il-kaz kien japplika ukoll l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali in kwantu l-azzjonijiet kriminali kommessi mill-appellant gew kommessi minnu b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi. L-appellant kellu wkoll jitqies recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali il ghaliex gie misjub hati mill-Qrati ghal darbtejn fis-27 ta' Frar 1991 u fid-19 ta' Jannar 2005. Fl-ahharnett l-ewwel Qorti ma applikatx kif jixraq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 28 tal-Kodici Kriminali wara illi kellha quddiemha persuna li kkommettiet reati fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza (19 ta' Jannar 2005 – tmintax-il (18) xahar sospizi ghal erbgha (4) snin). U ghalhekk is-sentenza sospiza kellha tigi dikjarata li bdiet issehh ai termini tal-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti l-ewwel sejra tghaddi biex tiddisponi mill-appell tal-appellant u wara minn dak tal-Avukat Generali.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, din il-Qorti wara li ezaminat il-provi tasal ghall-istess konkluzjoni bhalma waslet

ghaliha l-ewwel Qorti illi dana huwa kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita kif kontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. L-istess appellant jammetti illi fiz-zewg cirkostanzi illi gie moghti l-flus ma uzahomx ghal mod ta' kif kien destinat li jaghmel, izda ghamel uzu personali taghhom. Jispjega kif il-flus illi gew mghoddija lilu minn Emanuel Bonnici ghan-nom tas-socjetà BMIT gew moghtija sabiex ihallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali, izda uzahom sabiex ihallas lil Joseph Curmi illi beda jissikkah biex ihallas lura l-flus mehuda indebitament minghandu.

Hawnhekk l-appellant messu kien jaf ahjar, mehud in konsiderazzjoni l-età u l-esperjenza tieghu sabiex dahal f'cirku vizzjuz u wassluh biex ikkommetta dawn ir-reati fil-konfront ta' Joseph Curmi u Emanuel Bonnici.

Din il-Qorti ma ghandha xejn x'izzid mal-espozizzjoni legali illi ghamlet l-ewwel Qorti fejn elenkat l-element essenzjali li jsawwru dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita. U kif qalet l-ewwel Qorti, "irrizulta indubbjament illi l-imputat kien gie mghoddi flus sabiex jaghmel uzu specifiku minnhom. Illi l-imputat ma ghamilx uzu minnhom kif spjegat lilu, izda ghamel uzu divers u dan bi profitt ghalih. Ghaldaqstant l-akkuzi jirrizultaw sodisfacentement ippruvati."

Kuntrarjament ghal dak illi jallega l-appellant, il-Qorti ssib illi ghandha tapplika fil-konfront tieghu l-provvedimenti tar-recediva skont id-dispost tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9. Irrizulta illi kkommetta dan ir-reat fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza tat-18 ta' Jannar 2005 u dana fuq akkuzi simili. Fil-fatt irrizulta illi l-appellant beda jikkommetti dawn ir-reati fi zmien ftit xhur wara l-ghoti tas-sentenza. Jidher illi ma fhemx sew il-konsegwenzi tal-agir tieghu u kif dawn kienu se jaffettwaw it-tmintax-il (18) xahar prigunerija sospizi illi kienu gew imposti fuqu. Fi kwalunkwe kaz, argumenta illi kellhom japplikaw fil-konfront tieghu d-dispost tal-artikolu 337(1) tal-Kap. 9 peress illi huwa beda jrodd lura l-hsara illi huwa kkaguna b'dan ir-reat.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan l-artikolu ghandu japplika. Dana il ghaliex tghid car u tond illi r-radd lura tal-hsara trid tkun saret “qabel ma tibda titmexxa xi procedura kriminali ...”. F’dan il-kaz, kif jghid l-istess appellant, huwa beda jhallas lura l-flus lil Joseph Curmi fil-mori ta’ dawn il-proceduri u wasal ukoll ghal arrangament b’modalità ta’ hlas lil Emanuel Bonnici ukoll fil-mori. Ghalhekk, meta bdew dawn il-proceduri l-ebda flus ma kienu gew saldati u allura dan l-artikolu ma jistax japplika u l-appellant ma jistax jiehu beneficcju minnha.

Ghalhekk, zgur, ghal dak li jirrigwarda l-meritu din il-Qorti ma ssib xejn x’ticcensura fl-ewwel sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u f’dan is-sens qieghda tichad l-appell tal-appellant.

Il-Qorti, issa, sejra biex tikkonsidra l-appell tal-Avukat Generali rigward il-piena, b’riferenza ukoll ghal dak illi qal l-appellant illi dina kellha tkun anqas minn dak erogat mill-Qorti tal-Magistrati.

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti kkundannat lill-appellat ghal perjodu ta’ prigunerija ghal ghaxar (10) xhur u dana skont id-dispost tal-artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali li jippreskrivu terminu bejn seba’ (7) xhur u sentejn. Però, barra dawn l-artikoli hemm ukoll l-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, li jispecifika li fil-kazijiet imsemmijin f’dan is-sub titolu (u cioé t-titolu li tahtu l-appellant instab hati) meta l-ammont tal-hsara maghmula mill-hati huwa aktar minn elf lira (> Lm1,000), il-piena tkun ta’ prigunerija minn tlettax-il (13) xahar sa seba’ (7) snin. Mhuwiex kontestat illi l-ammont tal-hsara illi ghamel l-appellat huwa ta’ aktar minn elf lira (> Lm1,000), u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tapplika dawn il-parametri u mhux dawk imsemmija fl-artikolu 294.

L-appellant instab hati li kkommetta dawn ir-reati b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u ghalhekk jidhol in vigore l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali li jintitola lill-Qorti illi zzid bi grad jew tnejn il-piena fuq imsemmija, li allura jwassal ghall-parametri bejn tmintax-il (18) xahar sa disa' (9) snin, però tifhem illi dina hija xi haga diskrezzjonali u l-ewwel Qorti setghet ma kkunsidratx dan l-artikolu u la ma uzatux lanqas mhi sejra tuzaha din il-Qorti. Però l-ewwel Qorti kkonfermat illi l-appellat kellu jinstab hati tar-recediva u dana a bazi ta' sentenza moghtija fid-dsatax (19) ta' Jannar tal-elfejn u hamsa (2005). Ghalhekk, skont id-dispost tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali l-piena kellha tizdied bi grad fejn allura jwassal ghall-istess parametri ta' bejn tmintax-il (18) xahar sa disa' (9) snin. Kwindi, l-ewwel Qorti, jekk riedet tapplika l-minimu, ma setghetx tmur anqas minn tmintax-il (18) xahar prigunerija. Ukoll jekk tikkunsidra l-artikolu 28F kif talab l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, tirrevokaha f'dik il-parti relattiva ghall-pieni fejn ikkundannat lill-appellat ghal ghaxar (10) xhur prigunerija u minflok, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tikkundanna lill-appellat ghal piena ta' prigunerija ta' tmintax-il (18) xahar.

(ft) Michael Mallia
Imhallef

Franklin Calleja
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------